MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Numru. 1168/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Bernard C Spiteri]**

**vs**

**Kevin Spiteri**

Kumpilazzjoni Numru 1168/2010

**Illum 17 ta’ Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Spiteri, ta’ 28 sena, bin Salvatore u Maria Elena nee’ Falzon, imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Lulju, 1982 u li joqghod fil-fond Flat 4 ‘Mary’, Triq Empire Stadium, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 534982(M)

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta' Novembru, 2010, f' diversi hinijiet bejn is-6:00pm u 8:00pm f' Rabat u Attard

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, ghad-dannu ta' Josette Abela u l-familja taghha, liema hsara hija iktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) izda li ma taqbizx l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69c).

2. Ikkaguna biza lil Josette Abela u lill-familja taghha, li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta taghhom.

3. U aktar talli hedded bil-fomm u b'mezzi ohra lill-istess Josette Abela u lill-familja taghha b' delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni.

4. U aktar talli kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, b' ghajjat u glied.

5. U aktar talli ghal-habta ta' 6:00pm gewwa residenza privata, li tinsab fi triq il-Qastan, Bahrija, limiti ta' Rabat, u jew fil-vicinanzi kkaguna griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Josette Abela.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Josette Abela u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din l-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat l-artikoli 221, 249, 251B, 325(1)(b)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat Kevin Spiteri ammetta l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-hsara kkawzata fil-fond 18 Triq iz-Zragen Attard, kif ukoll it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu

u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-parte civile Josette Abela rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-hsara kkawzata fil-fond 19 Triq iz-Zragen Attard, kif ukoll it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-parte civile Josette Abela rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli konsegwentement il-procediment fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-hsara ikkawzata fil-vettura ta’ tip BMW b’numru ta’ registrazzjoni GBJ 809 u fir-rigward tal-hames imputazzjoni huwa ezawriet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi wahda refrettarja, hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu ghalkemm mhux f’l-aktar stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li z-zewg parte civile hafru lill-imputat u li Josette Abela u l-imputat qed jippruvaw jergghu jibnu r-relazzjoni ta’ bejniethom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-hsara ikkawzata fil-vettura ta’ tip BMW b’numru ta’ registrazzjoni GBJ 809 u fir-rigward tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 249, 251B, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni in

kwantu tirreferi ghall-hsara kkawzata fil-fond 19 Triq iz-Zragen Attard kif ukoll tat-tieni, tat-tielet u tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------